il-mument
Il-Ħadd, 26 ta' Awwissu, 2012





## ERBGĦIN SENA MILL-ĦRUĠ TA' ALBUM B'IDENTITÀ MALTIJA

# Għanjiet minn Malta – *Songs from Malta*

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

Wara t-twelid tan-nazzjon Malti fl-1964, il-Maltin qishom stenbħu mir-raqda u bil-mod bdew jirrikonoxxu l-għeruq ta' dak li veru sawwarhom, ta' dak li ddistingwihom minn popli oħrajn, ta' dak li għamilhom Maltin.

Fis-sebgħinijiet, l-ekonomija Maltija ġiet mibdula minn waħda dipendenti fuq l-infiq militari għal ekonomija li qed tiżviluppa f'manifattura għall-esportazzjoni, u fit-turiżmu li kien qed ifassal suq tajjeb li wkoll mexxa 'l quddiem il-kultura. Gawdiet minnu l-mużika lokali, li bdiet tesplora l-identità Maltija u lil hinn minnha.

Fl-ewwel ħames snin tas-sebgħinijiet, ix-xenarju mużikali Malti kien qed iduq ħafna bidujiet. F'Mejju tal-1972, l-istabbiliment tad-diski ta' Anthony D'Amato nieda l-ewwel *cassette* bil-Malti li inkluda 14-il għanja, fosthom *Lil Ommi*, *Saħħa Malta*, *Is-Sajjied* u n-*Nanna Beat*.

F'Lulju ta' dik is-sena, David Azzopardi – dak iż-żmien patri mal-Moviment tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (MSSP) – flimkien mal-MSSP Guitar Group nieda l-ewwel *single* tiegħu *Paċi u Sliem / Taf xejn il-kulur t'Alla* fuq it-tikketta Ciro Records.



*Ritratt li jmur lura 40 sena: (Mix-xellug): Mary Rose Mallia, Charles Camilleri u Joe Friggieri waqt it-tnedija tad-diska 'Għanjiet minn Malta' fl-1972*

### *'Għanjiet minn Malta'* – l-impatt fil-mużika folk Maltija

Wieħed mill-akbar impatti fl-għanja Maltija li ħalla marka sinjifikanti kien l-album klassiku *Għanjiet minn Malta / Songs from Malta*, li kien l-ewwel *Long Play (LP)* sterjofoniku rekordjat b'versi Maltin minn Joe Friggieri u bil-mużika ta' Charles Camilleri.

Dan inħareġ fl-1972, fl-istess sena li fiha l-kompożitur Camilleri flimkien ma' Albert Cassola mar il-Eurovision Song Contest b'*L-Imħabba* ta' Joe Cutajar u Helen Micallef. Kienet ukoll l-ewwel darba li kantanta Maltija rrekordjat *Long Play* sħiħa b'kanzunetti Maltin.

Kien propju fl-ewwel jiem ta' Awwissu tal-1972 meta l-ġurnali Maltin taw rappurtaġġ tal-konferenza tal-aħbarijiet li kienet inżammet fil-jiem ta' qabel fil-lukanda Phoenicia, il-Furjana, mill-kompożitur, l-awtur u l-kantanta żagħżugħa li kienet splodiet fil-bidu tas-sebgħinijiet – Mary Rose – aktar tard magħrufa bħala Mary Rose Mallia.

Magħhom kien hemm preżenti wkoll is-sinjorina Liliana Vella Cousin, ir-rappreżentanta f'Malta ta' *Malta Talent Artists* li ħadu ħsieb id-distribuzzjoni f'Malta ta' dan l-LP, li kien se jinbiegħ bil-prezz ta' Lm1.50 (€3.49). Charles Camilleri kien qal li dam sena biex ikkompona l-mużika tal-LP u dan kien ir-raba' wieħed tiegħu.

*Għanjiet minn Malta* inkluda 12-il kanzunetta li ġew rekordjati b'mod professjonali fis-CTS Studios ta' Londra fuq it-tikketta Academy. Dan l-LP kien ippubblikat minn Monjon Production Ltd, bi produzzjoni ta' John Watson. L-inġinier f'dan il-proġett kien John Richards.

Il-qoxra tal-kartun tal-LP kellha disinn minn Donald Friggieri, li ġiet stampata fil-Progress Press. B'mod sempliċi iżda effettiv, Donald Friggieri – ħu l-awtur – joħroġ ukoll il-polz tax-xenarju u l-identità Maltija fis-sentiment tal-ħajt tas-sejjieħ, ix-xemx u l-baħar – parti mill-ingredjent li jfittex it-turist u l-istess element li ġie trattat f'diski oħrajn tas-sittinijiet u s-sebgħinijiet.

Għalkemm il-kanzunetti kienu miktubin bil-Malti, in-noti fuq wara tal-qoxra tad-diska twasslu biż-żewġ lingwi bil-għan li dan ir-*recording* ikun immirat għall-industrija tat-turiżmu li f'dak iż-żmien kienet fi żvilupp kbir.

Fin-nota bijografika, l-artistrija ta' Charles Camilleri tkun paragunata mal-ideal 'Malti' f'dak li kien qed jitwassal mir-rumanzier u d-drammaturgu kontemporanju Francis Ebejer, li kien diġà kiteb uħud mill-aqwa xogħlijiet teatrali importanti tiegħu, fosthom *Vaganzi tas-Sajf* (1962), *Boulevard* (1964), u *Menz* (1967), li għamlu suċċess kbir u taw lil-letteratura Maltija l-ewwel drammi intellettwali.

Isemmi wkoll lill-arkitett Richard England, li fl-ewwel snin tas-sebgħinijiet kien diġà stabbilixxa ruħu fuq ix-xogħol li kien sar fil-Bank Ċentrali, kif ukoll dak li għaddej bil-bini tal-knisja tal-Manikata.

In-noti bijografiċi jgħidu hekk:

*Charles Camilleri, l-uniku kompożitur Malti li għamel isem fil-qasam internazzjonali, iħobb jgħid: "In-nies serji biss jafu jidħqu". Aħna li naħdmu fl-Academy Records nixtiequ nżidu min-naħa tagħna li ħadd għajr il-kompożitur serju u impenjat bħal Charles Camilleri ma hu kapaċi jikteb mużika hekk sabiħa u fl-istess waqt hekk sempliċi u li tingħaraf mill-ewwel li hi Maltija.*

*Għax il-mużika ta' Camilleri hi Maltija daqs il-ħitan tas-sejjieħ li hu u l-artisti Maltin oħra f'oqsma differenti (bħalma huma, ngħidu aħna, ir-rumanzier-drammaturgu Francis Ebejer u l-arkitett Richard England) jissaħħru warajhom.*

*F'dawn l-għanjiet, ispirati mill-folklor u minn temi moderni, id-deċiżjoni tal-kompożitur li jaħdem mal-poeta liriku żagħżugħ Joe Friggieri u mal-kantanta Mary Rose, kienet l-aħjar għażla li seta' jagħmel. Hawnhekk il-kliem, il-leħen u l-mużika jingħaqdu biex jirriflettu b'mod meraviljuż l-ispirtu tal-art u tan-nies li jgħixu fuqha, f'armonija li hi qadima daqskemm hi ġdida u ta' dejjem.*

Għall-kantanta Mary Rose, dan kien l-ewwel album tagħha wara li kienet diġà qed tagħti prova li hi waħda mill-aħjar kantanti Maltin f'dan it-tip ta' kant. "Bl-esperjenza li akkwistat mill-kant fin-*night-clubs*, fuq it-*television* u f'għadd ta' festivals internazzjonali; Mary Rose tkanta bil-Malti b'dik il-kjarezza u b'dik il-passjoni li jġegħluk tħossok trid terġa' tisma' kollox mill-ġdid." Din tkompli tinjettalek is-sentiment u l-ispirtu tal-identità Maltija.

*"The rhythm has been taken from the Maltese language thus rendering this classic purely Maltese,"* jirrimarka l-ġurnalist ta' *The Times of Malta* wara l-konferenza għall-istampa.

Propju f'dik l-istess sena, hi kienet rebħet l-aħjar kantanta fil-Malta Song Festival u kienet parti wkoll mill-ġurija fil-Eurovision Song Contest fl-1972. Bla dubju, f'dan ix-xogħol hi baqgħet l-aktar magħrufa għall-kanzunetti klassiċi *Il-Festa, Il-Pont ta' Wied Rummiena, It-Tfajla tar-Rdum*, u *L-Għanja tas-Sajjieda.*

*Il-Festa*, waħda mill-isbaħ kanzunetti mhux biss f'dan l-album iżda fost ir-repertorju tal-kanzunetti Maltin, tnaqqax il-karatteristiċi ewlenin tal-festa tipika Maltija, mill-bandalori kollha lwien sal-karti żgħar ma' kullimkien, il-briju u l-qbiż, l-għajat u d-daqq tal-marċ għaddej, il-qubbajd, il-karawett, il-ġelat u anki l-*hotdog* – li kien daħal ġmielu fil-bidu tas-sebgħinijet – it-twelid tan-namur fl-adolexxenti u l-ikla tradizzjonali.

L-awtur jikkombina wkoll l-era psikadelika tal-*Flower Power* fil-qomos kull kulur.

Twassal ukoll it-temperament li għadu u jibqa' fil-vini tal-festa Maltija li "aħna l-ewwel, l-akbar, l-isbaħ u l-aħjar". Friggieri jittratta dan l-argument b'relazzjoni mal-logħob tan-nar – *nar bħal tagħna m'hawn imkien*, forsi għall-esperjenza personali tal-awtur innifsu li ġej minn Ħal Lija, ir-raħal magħruf għal-logħob tan-nar.

Mużikalment, Camilleri joħloq ambjent kwiet biex tispikka l-melodija 'Maltija' u s-sbuħija vokali b'akkumpanjament mexxej, iżda mirqum sew bil-pjanu. Għaddew erbgħin sena mill-ħruġ ta' dan l-album, iżda meta terġa' tisma' l-għanjiet tgħid li għadhom friski, sbieħ bħal dejjem. Fid-disgħinijiet, il-KTA kien reġa' ħareġ dan l-album fuq CD.

### X'qalu l-kritiċi fil-gazzetti

Il-kontributuri tar-rubriki mużikali u l-paġni tal-kultura fir-rivisti u l-ġurnali Maltin ta' dik l-epoka enfasizzaw fuq il-ħruġ ta' dan l-LP.

Mario Azzopardi, poeta, direttur teatrali u kritiku tal-arti, fil-paġna tiegħu dwar il-kultura f'*l-orizzont* tal-10 ta' Awwissu 1972, jgħid li "Għanjiet minn Malta hu eżempju ta' kif għandha tkun diska lokali mfassla fuq valuri kulturali tajbin."

Azzopardi jistqarr li dan l-LP hu "xi ħaġa superjuri mid-diski irħas tal-għana li dan l-aħħar korrispondent f'dan il-ġurnal stqarr li ħerġin fis-suq bħall-bottijiet tal-piżelli." Hawn Azzopardi kien qed jirreferi għall-makjetti, fosthom dawk maħruġa minn Renald Abela, Fredu Abela *'il-Bamboċċu'*, George Azzopardi *'il-Makk'*, Michael Fenech *'ir-Ringo'*, John Laus u Pawlu Tanti, il-akbar suċċess tkun it-*Taxi Mary*, li kellha bejgħ kbir fl-1970.

Azzopardi jargumenta b'ottimiżmu li b'*Għanjiet minn Malta*, wieħed iħossu jistejqer meta jintebaħ li għall-inqas fuq dil-gżira hawn min jaf joħloq kombinazzjoni ta' mużika, lirika u melodija ta' leħen artistiku.

L-artikolist iħeġġeġ għall-inkoraġġiment tal-artistrija fil-kultura popolari. "Is-soċjetà, jew aħjar id-distributuri tal-flus li jiċċirkulaw fis-soċjetà, għandha jew għandhom l-obbligu li jgħinu lill-individwi li jridu jirreżistu l-appell tal-produzzjoni għall-massa u joħolqu xi ħaġa aktar valida."

Mario Azzopardi jagħti xi eżempji fil-kompożizzjoni mużikali fejn jirreferi għall-kompożituri bravi attivi f'dak iż-żmien, "bħal Carmelo Pace, Joe Vella, Freddie Mizzi, Albert Anastasi u oħrajn (minbarra għadd ta' gruppi li jħossu s-sensittività kbira għall-mużika ta' ġeneru modern u saħansitra ta' bixra sperimentali) li jafu l-prinċipji ta' mużika serja fuq ponot subgħajhom imma li tisma' bihom darba f'mitt qamar.

"M'hemmx dubju dwar il-professjonaliżmu eċċellenti tagħhom, iżda b'dan kollu l-kontribut tagħhom għall-mużika Maltija mhuwiex jinħass bl-impatt mixtieq."

Charles Xuereb, magħruf sew fil-qasam tax-xandir lokali, dak iż-żmien kontributur fuq l-andament kulturali lokali, jirrimarka hekk fil-ġurnal *Il-Ħajja* tad-19 ta' Settembru 1972: "Tieħu r-ruħ, tgħid din xi ħaġa aħjar" għall-kuntrast dwar l-għajta tal-poplu b'taqbiliet li kienu qed ibigħu ħafna.

## Għanjiet minn Malta –

*Fuq l-ewwel naħa tal-LP (Side 1):*
It-tfajla tar-Rdum (The girl on the cliffs)
Suldat (Soldier)
Il-festa (Festa)
Rajt Raġel (I saw a man)
Iż-żifna (The Dance)
L-Għanja tas-Sajjieda (Fishermen's Song)

*Fuq it-tieni naħa tal-LP (Side 2)*
Kemm iddum (It-takes so long)
Taħżiż (Sketches)
Bħal-lum (Today)
Il-Pont ta' Wied Rummiena (The Bridge at Wied Rummiena)
Minwett tal-Granmastri (Grandmasters' Minuet)
Il-Bejjiegħa tal-Ward (The Flower-Girl)

# "DAWN MA JMUTU QATT"

## *Joe Friggieri jiftakar...*



*Joe Friggieri*

Fil-fjur ta' żgħożiti, sjuf u xtiewi twal ilu, kont sirt ħabib sew ta' Charles Camilleri, li mill-ewwel wera x-xewqa li nagħmlu xi ħaġa flimkien.

L-ewwel okkażjoni ta' kollaborazzjoni bejnietna tfaċċat meta missier Mary Rose Mallia kien wera x-xewqa li bintu, li kien għad għandha tmintax-il sena, tirrekordja *long-play* b'kanzunetti oriġinali Maltin.

Mary Rose kellha vuċi meraviljuża, u bħala Żebbuġija kienet tlissen il-Malti b'mod perfett u mingħajr tiġbid. Għidt lil Charles bl-idea, għoġbitu ħafna, u bdejna naħdmu.

Hekk twieldu l-Għanjiet minn Malta. Mhux se jkunu ħafna dawk li jemmnu li l-ewwel ma saret kienet il-melodija, imbagħad il-kliem. Lili l-Bambin tani widna tajba, kemm għall-mużika, kif ukoll għall-kelma.

Parti kbira mill-mertu, minbarra tal-Kreatur Divin, kienet ta' missieri, li wkoll kellu widna tajba: kien ikanta u jsaffar kanzunetti sħaħ b'noti perfetti, u kien ukoll għal żmien twil il-president tal-Għaqda Letterarja Maltija.

Minbarra hekk, jien domt erba' snin inkanta fil-kor ta' Patri Bert, u l-mużika kont naqraha, għalkemm qatt ma tgħallimt indoqq strument, ħaġa li għadu jiddispjaċini għaliha sal-lum.

Missieri ħajjar lil ħafna żgħażagħ, fosthom lill-kuġin tiegħi Oliver, u oħrajn ikbar minnhom fl-età, biex jieħdu l-kitba bis-serjetà.

Meta kont għadni tifel, kien jeħodni nisma' r-*recordings* tal-programmi li kien jagħmel fuq ir-Rediffusion, u xi kultant kien iħallini naqra xi ħaġa żgħira, jekk iqis li kellha xi valur.

"Biex tikteb il-poeżija, ibni, irid ikollok widna," kien jgħidli. "Trid tisma' l-kelma tkanta. Inkella tikteb xejn."

Jgħidu li Beethoven kien trux. Charles Camilleri ma kellux vuċi tajba, u lanqas naħseb li kien perfettament intunat. Il-ħeffa li biha kien jikkomponi kienet tferraħni. Kont ngħid, "Għandna oħra lesta," u mmur id-dar nikteb il-kliem.

Waqt li hu kien isemmagħli l-melodija fuq il-pjanu, lili kien iġagħalni nkanta n-noti li jkun ħarbex bil-lapes fuq il-karti tal-mużika.

"Kanta filosfu!" kien jgħidli. U lil Doris kien jgħidilha, "Wasal il-filosfu. Mur iftaħlu, please." Bejn vers u ieħor kien iżomm il-lapes mimdud bejn xufftejh. U wara kull għanja kien jidħaq qisu tifel żgħir. "Togħġbok?" kien jistaqsini, u jerġa' jdoqqha b'xi varjazzjoni ċkejkna. "Jew forsi aħjar hekk? X'taħseb?"

Wara li nagħmlu xi siegħa fl-istudju, konna ninżlu fil-ġnien. Doris kienet tagħmel ruġġata tal-lumi tajba ħafna. Kellu tank imsaddad maqlub fuq ġenbu, mimli żrinġijiet. Biex jiċċajta kien jgħidli x'jisimhom. "Dak Wolfgang. Dak Ludwig. L-ieħor Igor. U dak, l-iktar wieħed bravu, Charles!"

U rħilu jitkellem fuq kollox, imma l-iktar fuq dak li kien qed jiġri fix-xena mużikali lokali. Ikolli nistqarr li aktar iva milli le ma kienx kuntent bl-għajnuna li fil-fehma tiegħu kellu jagħti l-gvern biex il-mużika tiegħu tindaqq u tiġi apprezzata iżjed, u biex il-mużiċisti żgħażagħ jingħataw l-inċentiv meħtieġ biex ikunu jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom bis-serjetà.

Kellu ħafna ideat u proġetti li qatt ma rnexxielu jwettaqhom. Kien jieħu gost jgħallem imma ma kienx jieħu gost jamministra.

L-ikbar pjaċir tiegħu kien meta jirċievi xi kummissjoni minn barra biex jikteb xi biċċa xogħol kbira. Meta jiġri dan, kien kapaċi jingħalaq f'kamartu u jagħmel sigħat twal jaħdem bla serħan.

Meta kont niġi lura bil-kanzunetta lesta, Charles kien iberraq għajnejh qisu ma jridx jemmen li l-kelma qagħdet daqshekk tajjeb mal-mużika. U kien jerġa' jibda jidħaq. "Kanta," kien jgħidli, "kanta!" Imbagħad fl-aħħar, meta jismagħha kollha, bil-vers u r-*refrain*, kien iħares lejja qisu rebaħ il-lotterija u jgħidli, "Tajba!"

Fuq il-kanzunetti li ktibna flimkien jien u Charles Camilleri għal dik it-tfajla ta' tmintax-il sena, Charles kien jgħid biss sentenza waħda. "*These will never die.* Dawn ma jmutu qatt."

Naħseb li kellu raġun.

***"Il-ħeffa li biha kien jikkomponi kienet tferraħni..."***